

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorreni tinvoka ħames motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-553/22 Thorn Investments vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2022 – TA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-702/22)

(2023/C 24/78)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: TA (rappreżentanti: A. Ferreira Correia u R. da Palma Borges, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas ta' motivazzjoni, jew sa fejn dawn japplikaw għal benefiċjarji minħabba ċ-ċirkustanza li għandhom ħaddiema mhux residenti fir-reġjun ultraperiferiku, jew li jiksbu dħul li s-sors tiegħu huwa barra mir-reġjun ultraperiferiku.
- tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorreni tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat li benefiċċji mogħtija lil impriżi li kienu stabbiliti b'mod reġjonali, iżda li kellhom relazzjonijiet esterni, ma kinux kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) TFUE.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi sa fejn id-tad-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat li benefiċċji mogħtija lil impriżi li kienu stabbiliti b'mod reġjonali, iżda li kienu jżommu relazzjonijiet ta' impjeg ma' ħaddiema li ma kinux preżenti b'mod permanenti fir-reġjun ultraperiferiku, ma kinux kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) TFUE.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat li benefiċċji mogħtija lil impriżi li ma jeċċedux il-limiti kwantitattiva previsti fil-Linji Gwida dwar l-għajjnuna Nazżjonali b'għan Reġjonali għall-2007-2013 u fir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tal-2014 ma kinux kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) TFUE.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni: ċertezza legali, aspettattivi leġittimi u legalità.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2022 – Everblacks Towage vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-703/22)

(2023/C 24/79)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Everblacks Towage – Serviços Marítimos, Sociedade Unipessoal, Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: A. Ferreira Correia u R. da Palma Borges, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-702/22, TA vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2022 – Poppysle vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-704/22)

(2023/C 24/80)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Poppysle – Comércio Internacional e Serviços, Sociedade Unipessoal, Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: A. Ferreira Correia u R. da Palma Borges, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-702/22, TA vs Il-Kummissjoni.
